Parlament Ewropew
2024-2029

Kumitat għall-Affarijiet Ekonomiċi u Monetarji

2025/0348(CNS)

13.4.2026

EMENDI
13 - 85

Abbozz ta' rapport
Michalis Hadjipantela
(PE784.400v01-00)

Emenda tar-Regolament (UE) Nru 904/2010 fir-rigward tal-aċċess tal-Uffiċċju tal-Prosekutur Pubbliku Ewropew (UPPE) u tal-Uffiċċju Ewropew ta' Kontra l-Frodi (OLAF) għall-informazzjoni dwar it-taxxa fuq il-valur miżjud fil-livell tal-Unjoni

Proposta għal regolament
(COM(2025)0685 – 2025/0348(CNS))

Emenda 13
Tomáš Kubín, Jaroslava Pokorná Jermanová, Pierre Pimpie

Proposta għal regolament
Premessa 2

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(2) Skont l-Artikolu 24(1) tar-Regolament (UE) 2017/1939, l-istituzzjonijiet, il-korpi, l-uffiċċji u l-aġenziji tal-Unjoni u l-awtoritajiet tal-Istati Membri kompetenti skont id-dritt nazzjonali applikabbli għandhom jirrapportaw lill-UPPE, mingħajr dewmien żejjed, kwalunkwe mġiba kriminali, inkluża frodi transfruntiera tal-VAT, li fir-rigward tagħha jista' jeżerċita l-kompetenza tiegħu f'konformità mal-Artikolu 22 u l-Artikolu 25(2) u (3) ta' dak ir-Regolament. Il-frodi transfruntiera tal-VAT skont id-definizzjoni ***tinvolvi*** diversi Stati Membri***,*** u ***l-fluss*** ta' informazzjoni minn Stati Membri individwali lill-UPPE ***ma jaqax fl-ambitu tal-ġlieda*** kontra l-frodi tal-VAT fil-livell ***tal-UE***. Għalhekk, sabiex l-UPPE jiġi informat dwar ir-riskji ta' frodi tal-VAT fil-livell ***tal-UE*** u jwettaq il-mandat regolatorju tiegħu, huwa neċessarju li jiġu stabbiliti f'aktar dettall il-modalitajiet li bihom l-Istati Membri, fi ħdan in-network Eurofisc imsemmi fl-Artikolu 33 tar-Regolament (UE) Nru 904/2010, jenħtieġ li jirrapportaw lill-UPPE kwalunkwe indikazzjoni suspettuża u eventwalment informazzjoni preċiża dwar frodi tal-VAT. Barra minn hekk, skont l-Artikolu 24(9) tar-Regolament (UE) 2017/1939, f'każijiet speċifiċi, l-UPPE jista' jitlob aktar informazzjoni rilevanti disponibbli għall-istituzzjonijiet, għall-korpi, għall-uffiċċji u għall-aġenziji tal-Unjoni u għall-awtoritajiet tal-Istati Membri. Għalhekk, huwa xieraq li jiġu stabbiliti r-regoli li skont dawn l-Istati Membri fil-Eurofisc jenħtieġ li jikkomunikaw lill-UPPE informazzjoni dwar frodi transfruntiera tal-VAT wara talba mill-UPPE.	(2) Skont l-Artikolu 24(1) tar-Regolament (UE) 2017/1939, l-istituzzjonijiet, il-korpi, l-uffiċċji u l-aġenziji tal-Unjoni u l-awtoritajiet tal-Istati Membri kompetenti skont id-dritt nazzjonali applikabbli għandhom jirrapportaw lill-UPPE, mingħajr dewmien żejjed, kwalunkwe mġiba kriminali, inkluża frodi transfruntiera tal-VAT, li fir-rigward tagħha jista' jeżerċita l-kompetenza tiegħu f'konformità mal-Artikolu 22 u l-Artikolu 25(2) u (3) ta' dak ir-Regolament. Il-frodi transfruntiera tal-VAT ***tinvolvi,*** skont id-definizzjoni***,*** diversi Stati Membri u***, f'ċerti każijiet, il-fluss*** ta' informazzjoni minn Stati Membri individwali lill-UPPE ***mhuwiex biżżejjed biex jiġġieled*** kontra l-frodi tal-VAT fil-livell ***tal-Unjoni***. Għalhekk, sabiex l-UPPE jiġi informat dwar ir-riskji ta' frodi tal-VAT fil-livell ***tal-Unjoni*** u jwettaq il-mandat regolatorju tiegħu, huwa neċessarju li jiġu stabbiliti f'aktar dettall il-modalitajiet li bihom l-Istati Membri, fi ħdan in-network Eurofisc imsemmi fl-Artikolu 33 tar-Regolament (UE) Nru 904/2010, jenħtieġ li jirrapportaw lill-UPPE kwalunkwe indikazzjoni suspettuża u eventwalment informazzjoni preċiża dwar frodi tal-VAT. Barra minn hekk, skont l-Artikolu 24(9) tar-Regolament (UE) 2017/1939, f'każijiet speċifiċi, l-UPPE jista' jitlob aktar informazzjoni rilevanti disponibbli għall-istituzzjonijiet, għall-korpi, għall-uffiċċji u għall-aġenziji tal-Unjoni u għall-awtoritajiet tal-Istati Membri. Għalhekk, huwa xieraq li jiġu stabbiliti r-regoli li skont dawn l-Istati Membri fil-Eurofisc jenħtieġ li jikkomunikaw lill-UPPE informazzjoni dwar frodi transfruntiera tal-VAT wara

talba mill-UPPE.

Or. en

Emenda 14
Carla Tavares, Niels Fuglsang, Francisco Assis, Aurore Lalucq, Jonás Fernández, Bruno Gonçalves, César Luena

Proposta għal regolament
Premessa 4

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(4) L-Istati Membri li ma jkunux qegħdin jipparteċipaw fl-UPPE huma obbligati, skont il-prinċipju ta' kooperazzjoni sinċiera minqux fl-Artikolu 4(3) tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea, li jappoġġaw l-attivitajiet tal-UPPE u li jżommu lura minn kwalunkwe azzjoni li tista' tipperikola l-ilħuq tal-objettivi tiegħu. Il-Eurofisc huwa magħmul kemm mill-Istati Membri li jipparteċipaw fl-UPPE kif ukoll minn dawk li ma jipparteċipawx fih. Għalhekk, huwa importanti li jkun hemm bażi legali ċara għall-aċċess tal-UPPE għall-informazzjoni pproċessata mill-Eurofisc.	(4) L-Istati Membri li ma jkunux qegħdin jipparteċipaw fl-UPPE huma obbligati, skont il-prinċipju ta' kooperazzjoni sinċiera minqux fl-Artikolu 4(3) tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea, li jappoġġaw l-attivitajiet tal-UPPE u li jżommu lura minn kwalunkwe azzjoni li tista' tipperikola l-ilħuq tal-objettivi tiegħu. Il-Eurofisc huwa magħmul kemm mill-Istati Membri li jipparteċipaw fl-UPPE kif ukoll minn dawk li ma jipparteċipawx fih. Għalhekk, huwa importanti li jkun hemm bażi legali ċara għall-aċċess tal-UPPE għall-informazzjoni pproċessata mill-Eurofisc***, biex iwettaq il-kompiti definiti b'mod ċar tiegħu li jinvestiga u jipproċessa l-awturi ta' reati kriminali li jaffettwaw l-interessi finanzjarji tal-Unjoni***.

Or. en

Emenda 15
Ľudovít Ódor, Gilles Boyer

Proposta għal regolament
Premessa 4

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(4) L-Istati Membri li ma jkunux qegħdin jipparteċipaw fl-UPPE huma obbligati, skont il-prinċipju ta'	(4) L-Istati Membri li ma jkunux qegħdin jipparteċipaw fl-UPPE huma obbligati, skont il-prinċipju ta'

kooperazzjoni sinċiera minqux fl-Artikolu 4(3) tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea, li jappoġġaw l-attivitajiet tal-UPPE u li jżommu lura minn kwalunkwe azzjoni li tista' tipperikola l-ilħuq tal-objettivi tiegħu. Il-Eurofisc huwa magħmul kemm mill-Istati Membri li jipparteċipaw fl-UPPE kif ukoll minn dawk li ma jipparteċipawx fih. Għalhekk, huwa importanti li jkun hemm bażi legali ċara għall-aċċess tal-UPPE għall-informazzjoni pproċessata mill-Eurofisc.	kooperazzjoni sinċiera minqux fl-Artikolu 4(3) tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea, li jappoġġaw l-attivitajiet tal-UPPE u li jżommu lura minn kwalunkwe azzjoni li tista' tipperikola l-ilħuq tal-objettivi tiegħu. Il-Eurofisc huwa magħmul kemm mill-Istati Membri li jipparteċipaw fl-UPPE kif ukoll minn dawk li ma jipparteċipawx fih. Għalhekk, huwa importanti li jkun hemm bażi legali ċara għall-aċċess tal-UPPE għall-informazzjoni pproċessata mill-Eurofisc ***biex iwettaq b'suċċess il-mandat tiegħu stabbilit fl-Artikolu 4 tar-Regolament tal-Kunsill (UE) 2017/1939***.
	Or. en

Emenda 16
Ľudovít Ódor, Gilles Boyer

Proposta għal regolament
Premessa 5

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(5) Il-Qorti Ewropea tal-Awdituri rrakkomandat li l-Kummissjoni u l-Istati Membri jneħħu l-ostakli legali li jipprevjenu l-iskambju ta' informazzjoni bejn l-awtoritajiet amministrattivi, ġudizzjarji u tal-infurzar tal-liġi fil-livell nazzjonali u tal-Unjoni u b'mod partikolari li l-OLAF ikollu aċċess għad-data tas-sistema għall-iskambju ta' informazzjoni dwar il-VAT (VIES, VAT Information Exchange System) u tal-Eurofisc[6]. F'dak ir-rigward huwa importanti li aċċess ċentrali għas-sistemi ***tat-teknoloġija tal-informazzjoni (IT, Information Technology) tal-UE jiġi stabbilit*** f'bażi legali ċara.	(5) Il-Qorti Ewropea tal-Awdituri rrakkomandat li l-Kummissjoni u l-Istati Membri jneħħu l-ostakli legali li jipprevjenu l-iskambju ta' informazzjoni bejn l-awtoritajiet amministrattivi, ġudizzjarji u tal-infurzar tal-liġi fil-livell nazzjonali u tal-Unjoni u b'mod partikolari li l-OLAF ikollu aċċess għad-data tas-sistema għall-iskambju ta' informazzjoni dwar il-VAT (VIES, VAT Information Exchange System) u tal-Eurofisc[6]. F'dak ir-rigward huwa importanti li ***jiġi stabbilit*** aċċess ċentrali għas-sistemi ***tal-IT tal-UE*** f'bażi legali ċara ***biex l-OLAF iwettaq b'suċċess il-mandat tiegħu stabbilit fl-Artikolu 4 tar-Regolament (UE, Euratom) Nru 883/2013***.
[6] Ir-Rapport Speċjali tal-Qorti Ewropea tal-Awdituri Nru 24/2015, L-indirizzar tal-frodi intra-Komunitarja tal-VAT: Tinħtieġ aktar azzjoni	[6] Ir-Rapport Speċjali tal-Qorti Ewropea tal-Awdituri Nru 24/2015, L-indirizzar tal-frodi intra-Komunitarja tal-VAT: Tinħtieġ aktar azzjoni

(https://www.eca.europa.eu/mt/publications/SR15_24).

(https://www.eca.europa.eu/mt/publications/SR15_24).

Or. en

Emenda 17
Rasmus Andresen

Proposta għal regolament
Premessa 5

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(5) Il-Qorti Ewropea tal-Awdituri rrakkomandat li l-Kummissjoni u l-Istati Membri jneħħu l-ostakli legali li jipprevjenu l-iskambju ta' informazzjoni bejn l-awtoritajiet amministrattivi, ġudizzjarji u tal-infurzar tal-liġi fil-livell nazzjonali u tal-Unjoni u b'mod partikolari li l-OLAF ikollu aċċess għad-data tas-sistema għall-iskambju ta' informazzjoni dwar il-VAT (VIES, VAT Information Exchange System) u tal-Eurofisc[6]. F'dak ir-rigward huwa importanti li aċċess ċentrali għas-sistemi ***tat-teknoloġija tal-informazzjoni (IT, Information Technology) tal-UE jiġi stabbilit*** f'bażi legali ċara.	(5) Il-Qorti Ewropea tal-Awdituri rrakkomandat li l-Kummissjoni u l-Istati Membri jneħħu l-ostakli legali li jipprevjenu l-iskambju ta' informazzjoni bejn l-awtoritajiet amministrattivi, ġudizzjarji u tal-infurzar tal-liġi fil-livell nazzjonali u tal-Unjoni u b'mod partikolari li l-OLAF ikollu aċċess għad-data tas-sistema għall-iskambju ta' informazzjoni dwar il-VAT (VIES, VAT Information Exchange System) u tal-Eurofisc[6]. F'dak ir-rigward huwa importanti li ***għal*** aċċess ċentrali għas-sistemi ***tal-IT tal-UE, il-ħtieġa u l-proporzjonalità jiġu stabbiliti*** f'bażi legali ċara.
[6] Ir-Rapport Speċjali tal-Qorti Ewropea tal-Awdituri Nru 24/2015, L-indirizzar tal-frodi intra-Komunitarja tal-VAT: Tinħtieġ aktar azzjoni (https://www.eca.europa.eu/mt/publications/SR15_24).	[6] Ir-Rapport Speċjali tal-Qorti Ewropea tal-Awdituri Nru 24/2015, L-indirizzar tal-frodi intra-Komunitarja tal-VAT: Tinħtieġ aktar azzjoni (https://www.eca.europa.eu/mt/publications/SR15_24).

Or. en

Emenda 18
Pasquale Tridico

Proposta għal regolament
Premessa 5a (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(5a) L-ostakli persistenti għal kooperazzjoni effettiva bejn il-korpi tal-Unjoni jinkludu inkompatibbiltajiet bejn is-sistemi tal-IT, frammentazzjoni tal-kanali ta' komunikazzjoni u interoperabbiltà limitata tas-sistemi ta' ġestjoni tal-każijiet. Dawn in-nuqqasijiet iwasslu għal ineffiċjenzi, dewmien u żieda fil-pożijiet amministrattivi. Għalhekk huwa meħtieġ li jiġu żgurati l-interoperabbiltà tas-sistemi tal-IT u l-iżvilupp ta' infrastrutturi diġitali komuni li jippermettu skambju ta' informazzjoni bla xkiel u sigur.

Or. en

Emenda 19
Roberts Zīle

Proposta għal regolament
Premessa 6

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(6) Skont l-Artikolu 8(3) tar-Regolament (UE, Euratom) Nru 883/2013, l-awtoritajiet kompetenti tal-Istati Membri għandhom jittrażmettu mingħajr dewmien lill-OLAF, fuq talba tiegħu jew fuq inizjattiva tagħhom stess, kwalunkwe informazzjoni, dokument jew data oħra meqjusa pertinenti li għandhom, relatati mal-ġlieda kontra l-frodi, il-korruzzjoni u kwalunkwe attività illegali oħra li taffettwa l-interessi finanzjarji tal-Unjoni. Il-frodi transfruntiera tal-VAT skont id-definizzjoni tinvolvi diversi Stati Membri, u l-fluss ta' informazzjoni lill-OLAF ma jaqax fl-ambitu tal-ġlieda kontra l-frodi tal-VAT fil-livell tal-UE. Għalhekk, sabiex l-OLAF ikun informat dwar il-frodi tal-VAT fil-livell tal-UE u jwettaq il-mandat regolatorju tiegħu, huwa neċessarju li jiġu stabbiliti r-regoli dettaljati li skont dawn l-Istati Membri, fi ħdan in-network Eurofisc	(6) Skont l-Artikolu 8(3) tar-Regolament (UE, Euratom) Nru 883/2013, l-awtoritajiet kompetenti tal-Istati Membri għandhom jittrażmettu mingħajr dewmien lill-OLAF, fuq talba tiegħu jew fuq inizjattiva tagħhom stess, kwalunkwe informazzjoni, dokument jew data oħra meqjusa pertinenti li għandhom, relatati mal-ġlieda kontra l-frodi, il-korruzzjoni u kwalunkwe attività illegali oħra li taffettwa l-interessi finanzjarji tal-Unjoni ***meta jkun hemm suspett raġonevoli ddokumentat ta' involviment min-naħa ta' grupp tal-kriminalità organizzata tranżnazzjonali***. Il-frodi transfruntiera tal-VAT skont id-definizzjoni tinvolvi diversi Stati Membri, u l-fluss ta' informazzjoni lill-OLAF ma jaqax fl-ambitu tal-ġlieda kontra l-frodi tal-VAT fil-livell tal-UE. Għalhekk, sabiex l-OLAF ikun informat dwar il-frodi tal-VAT fil-livell tal-UE u jwettaq il-mandat

imsemmi fl-Artikolu 33 tar-Regolament (UE) Nru 904/2010, jenħtieġ li jirrapportaw lill-OLAF kwalunkwe indikazzjoni suspettuża u eventwalment informazzjoni preċiża dwar frodi transfruntiera tal-VAT, fuq inizjattiva tagħhom stess jew fuq talba tal-OLAF.	regolatorju tiegħu, huwa neċessarju li jiġu stabbiliti r-regoli dettaljati li skont dawn l-Istati Membri, fi ħdan in-network Eurofisc imsemmi fl-Artikolu 33 tar-Regolament (UE) Nru 904/2010, jenħtieġ li jirrapportaw lill-OLAF kwalunkwe indikazzjoni suspettuża u eventwalment informazzjoni preċiża dwar frodi transfruntiera tal-VAT, fuq inizjattiva tagħhom stess jew fuq talba tal-OLAF.

Or. en

Emenda 20
Tomáš Kubín, Jaroslava Pokorná Jermanová, Pierre Pimpie

Proposta għal regolament
Premessa 6

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(6) Skont l-Artikolu 8(3) tar-Regolament (UE, Euratom) Nru 883/2013, l-awtoritajiet kompetenti tal-Istati Membri għandhom jittrażmettu mingħajr dewmien lill-OLAF, fuq talba tiegħu jew fuq inizjattiva tagħhom stess, kwalunkwe informazzjoni, dokument jew data oħra meqjusa pertinenti li għandhom, relatati mal-ġlieda kontra l-frodi, il-korruzzjoni u kwalunkwe attività illegali oħra li taffettwa l-interessi finanzjarji tal-Unjoni. Il-frodi transfruntiera tal-VAT skont id-definizzjoni ***tinvolvi*** diversi Stati Membri***,*** u ***l-fluss*** ta' informazzjoni lill-OLAF ***ma jaqax fl-ambitu tal-ġlieda*** kontra l-frodi tal-VAT fil-livell ***tal-UE***. Għalhekk, sabiex l-OLAF ikun informat dwar il-frodi tal-VAT fil-livell ***tal-UE*** u jwettaq il-mandat regolatorju tiegħu, huwa neċessarju li jiġu stabbiliti r-regoli dettaljati li skont dawn l-Istati Membri, fi ħdan in-network Eurofisc imsemmi fl-Artikolu 33 tar-Regolament (UE) Nru 904/2010, jenħtieġ li jirrapportaw lill-OLAF kwalunkwe indikazzjoni suspettuża u eventwalment informazzjoni preċiża dwar frodi transfruntiera tal-VAT, fuq inizjattiva	(6) Skont l-Artikolu 8(3) tar-Regolament (UE, Euratom) Nru 883/2013, l-awtoritajiet kompetenti tal-Istati Membri għandhom jittrażmettu mingħajr dewmien ***żejjed*** lill-OLAF, fuq talba tiegħu jew fuq inizjattiva tagħhom stess, kwalunkwe informazzjoni, dokument jew data oħra meqjusa pertinenti li għandhom, relatati mal-ġlieda kontra l-frodi, il-korruzzjoni u kwalunkwe attività illegali oħra li taffettwa l-interessi finanzjarji tal-Unjoni. Il-frodi transfruntiera tal-VAT ***tinvolvi,*** skont id-definizzjoni***,*** diversi Stati Membri u***, f'ċerti każijiet, il-fluss*** ta' informazzjoni lill-OLAF ***mhuwiex biżżejjed biex jiġġieled*** kontra l-frodi tal-VAT fil-livell ***tal-Unjoni***. Għalhekk, sabiex l-OLAF ikun informat dwar il-frodi tal-VAT fil-livell ***tal-Unjoni*** u jwettaq il-mandat regolatorju tiegħu, huwa neċessarju li jiġu stabbiliti r-regoli dettaljati li skont dawn l-Istati Membri, fi ħdan in-network Eurofisc imsemmi fl-Artikolu 33 tar-Regolament (UE) Nru 904/2010, jenħtieġ li jirrapportaw lill-OLAF kwalunkwe indikazzjoni suspettuża u eventwalment informazzjoni preċiża dwar frodi transfruntiera tal-VAT, fuq

tagħhom stess jew fuq talba tal-OLAF.	inizjattiva tagħhom stess jew fuq talba tal-OLAF.

Or. en

Emenda 21
Roberts Zīle

Proposta għal regolament
Premessa 6a (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(6a) Jenħtieġ li l-UPPE u l-OLAF ġeneralment jingħataw aċċess għall-qari biss għall-informazzjoni dwar il-VAT maħżuna fis-sistemi msemmija fir-Regolament (UE) Nru 904/2010. It-tiftix tad-data jenħtieġ li jkun immirat, limitat għall-persuni ġuridiċi jew fiżiċi speċifiċi taħt investigazzjoni attiva, u jaderixxi strettament mal-prinċipju tal-minimizzazzjoni tad-data.

Or. en

Emenda 22
Roberts Zīle

Proposta għal regolament
Premessa 6b (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(6b) Meta l-UPPE jew l-OLAF jużaw l-informazzjoni dwar il-VAT aċċessata skont ir-Regolament (UE) Nru 904/2010 biex jibdew jew iwettqu investigazzjoni, jenħtieġ li jinformaw mingħajr dewmien żejjed lill-awtoritajiet kompetenti tat-taxxa u tal-infurzar tal-liġi tal-Istati Membri rilevanti, dment li tali notifika ma tipperikolax l-integrità tal-investigazzjoni li tkun għaddejja.

Or. en

Emenda 23
Ľudovít Ódor, Gilles Boyer

Proposta għal regolament
Premessa 9

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(9) Sabiex jiġi protett l-aċċess għad-data personali, il-Prosekuturi Ewropej, il-Prosekuturi Delegati Ewropej, kif ukoll il-persunal magħżul tal-UPPE u tal-OLAF, li qabel kienu awtorizzati rispettivament mill-UPPE u l-OLAF, biss jenħtieġ li jaċċessaw l-informazzjoni dwar il-VAT biex iwettqu l-kompiti tagħhom, taħt is-sorveljanza tal-uffiċjali ta' Kollegament tal-Eurofisc. Sabiex jiġu żgurati kundizzjonijiet uniformi għal dak l-aċċess, jenħtieġ li l-Kummissjoni tingħata setgħat ta' implimentazzjoni fir-rigward tad-dettalji tekniċi u l-arranġamenti prattiċi, inkluż dwar il-mekkaniżmu ta' kontroll tal-aċċess u l-profil u l-identifikazzjoni tal-utenti. Jenħtieġ li dawk is-setgħat ***jiġu*** eżerċitati f'konformità mar-Regolament (UE) Nru 182/2011 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill[9].	(9) Sabiex jiġi protett l-aċċess għad-data personali, il-Prosekuturi Ewropej, il-Prosekuturi Delegati Ewropej, kif ukoll il-persunal magħżul tal-UPPE u tal-OLAF, li qabel kienu awtorizzati rispettivament mill-UPPE u l-OLAF, biss jenħtieġ li jaċċessaw l-informazzjoni dwar il-VAT biex iwettqu l-kompiti tagħhom, taħt is-sorveljanza tal-uffiċjali ta' Kollegament tal-Eurofisc. Sabiex jiġu żgurati kundizzjonijiet uniformi għal dak l-aċċess, jenħtieġ li l-Kummissjoni tingħata setgħat ta' implimentazzjoni fir-rigward tad-dettalji tekniċi u l-arranġamenti prattiċi, inkluż dwar il-mekkaniżmu ta' kontroll tal-aċċess u l-profil u l-identifikazzjoni tal-utenti. ***Barra minn hekk, jenħtieġ li l-Kummissjoni tiżgura disinn li jirrispetta livelli għoljin ta' protezzjoni tad-data u limitazzjoni tal-fini filwaqt li fl-istess ħin ittejjeb l-effiċjenza operazzjonali, prevista f'natura awtomatizzata mingħajr dewmien amministrattiv żejjed.*** Jenħtieġ li dawk is-setgħat ***ikunu*** eżerċitati f'konformità mar-Regolament (UE) Nru 182/2011 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill[9].
[9] Ir-Regolament (UE) Nru 182/2011 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-16 ta' Frar 2011 li jistabbilixxi r-regoli u l-prinċipji ġenerali dwar il-modalitajiet ta' kontroll mill-Istati Membri tal-eżerċizzju mill-Kummissjoni tas-setgħat ta' implimentazzjoni (ĠU L 55, 28.2.2011, p. 13***).13***, ELI: http://data.europa.***eu/eli/reg/2011/182/oj.***	[9] Ir-Regolament (UE) Nru 182/2011 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-16 ta' Frar 2011 li jistabbilixxi r-regoli u l-prinċipji ġenerali dwar il-modalitajiet ta' kontroll mill-Istati Membri tal-eżerċizzju mill-Kummissjoni tas-setgħat ta' implimentazzjoni (ĠU L 55, 28.2.2011, p. 13, ELI: http://data.europa.***eu/eli/reg/2011/182/oj)***

Or. en

Emenda 24
Rasmus Andresen

Proposta għal regolament
Premessa 9

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(9) Sabiex jiġi protett l-aċċess għad-data personali, il-Prosekuturi Ewropej, il-Prosekuturi Delegati Ewropej, kif ukoll il-persunal magħżul tal-UPPE u tal-OLAF, li qabel kienu awtorizzati rispettivament mill-UPPE u l-OLAF, biss jenħtieġ li jaċċessaw l-informazzjoni dwar il-VAT biex iwettqu l-kompiti tagħhom, taħt is-sorveljanza tal-uffiċjali ta' Kollegament tal-Eurofisc. Sabiex jiġu żgurati kundizzjonijiet uniformi għal dak l-aċċess, jenħtieġ li l-Kummissjoni tingħata setgħat ta' implimentazzjoni fir-rigward tad-dettalji tekniċi u l-arranġamenti prattiċi, inkluż dwar il-mekkaniżmu ta' kontroll tal-aċċess u l-profil u l-identifikazzjoni tal-utenti. Jenħtieġ li dawk is-setgħat ***jiġu*** eżerċitati f'konformità mar-Regolament (UE) Nru 182/2011 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill[9].	(9) Sabiex jiġi protett l-aċċess għad-data personali, il-Prosekuturi Ewropej, il-Prosekuturi Delegati Ewropej, kif ukoll il-persunal magħżul tal-UPPE u tal-OLAF, li qabel kienu awtorizzati rispettivament mill-UPPE u l-OLAF, biss jenħtieġ li jaċċessaw l-informazzjoni dwar il-VAT biex iwettqu l-kompiti tagħhom, taħt is-sorveljanza tal-uffiċjali ta' Kollegament tal-Eurofisc. Sabiex jiġu żgurati kundizzjonijiet uniformi għal dak l-aċċess, jenħtieġ li l-Kummissjoni tingħata setgħat ta' implimentazzjoni fir-rigward tad-dettalji tekniċi u l-arranġamenti prattiċi, inkluż dwar il-mekkaniżmu ta' kontroll tal-aċċess u l-profil u l-identifikazzjoni tal-utenti. Jenħtieġ li dawk is-setgħat ***ikunu*** eżerċitati f'konformità mar-Regolament (UE) Nru 182/2011 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill[9]. ***Din il-miżura jenħtieġ li tinftiehem bħala pass immedjat; ir-rieżami li ġej tal-arkitettura kontra l-frodi se jipprovdi opportunità biex jiġu żgurati koerenza u konsistenza akbar.***
[9] Ir-Regolament (UE) Nru 182/2011 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-16 ta' Frar 2011 li jistabbilixxi r-regoli u l-prinċipji ġenerali dwar il-modalitajiet ta' kontroll mill-Istati Membri tal-eżerċizzju mill-Kummissjoni tas-setgħat ta' implimentazzjoni (ĠU L 55, 28.2.2011, p. 13***).13***, ELI: http://data.europa.***eu/eli/reg/2011/182/oj.***	[9] Ir-Regolament (UE) Nru 182/2011 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-16 ta' Frar 2011 li jistabbilixxi r-regoli u l-prinċipji ġenerali dwar il-modalitajiet ta' kontroll mill-Istati Membri tal-eżerċizzju mill-Kummissjoni tas-setgħat ta' implimentazzjoni (ĠU L 55, 28.2.2011, p. 13, ELI: http://data.europa.***eu/eli/reg/2011/182/oj)***

Or. en

Emenda 25
Rasmus Andresen

Proposta għal regolament
Premessa 10

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(10) Dan ir-Regolament jirrispetta d-drittijiet fundamentali u josserva l-prinċipji rikonoxxuti mill-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea, b'mod partikolari d-dritt tal-protezzjoni tad-data personali.	*(Ma taffettwax il-verżjoni Maltija.)*

Or. en

Emenda 26
Carla Tavares, Niels Fuglsang, Francisco Assis, Aurore Lalucq, Jonás Fernández, Bruno Gonçalves, César Luena

Proposta għal regolament
Premessa 10a (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(10a) L-aċċess tal-UPPE u tal-OLAF għall-VIES, għas-Sistema ta' Sorveljanza u għas-CESOP kif ukoll għal kwalunkwe sistema u bażi tad-data rilevanti oħra għandu jipprovdi aċċess għall-kategoriji tad-data meħtieġa għall-eżerċizzju tal-mandati rispettivi tagħhom, b'mod partikolari: informazzjoni dwar in-numri ta' identifikazzjoni tal-VAT u t-tranżazzjonijiet intra-Komunitarji tal-VAT, informazzjoni rilevanti dwar l-importazzjonijiet eżentati mill-VAT relatati mal-Punt Uniku ta' Servizz għall-Importazzjonijiet (IOSS) u l-importazzjonijiet tal-proċedura doganali 42/63 u l-informazzjoni aggregata dwar il-pagamenti. Tali aċċess jenħtieġ li jingħata lill-UPPE u lill-OLAF f'konformità ma' dmirijiethom skont l-Artikolu 4 tar-Regolament (UE) 2017/1939 u l-Artikolu 1(1) tar-Regolament (UE, Euratom) Nru 883/2013. Jenħtieġ li l-

Kummissjoni tingħata setgħat biex tadotta atti ta' implimentazzjoni li jispeċifikaw il-kategoriji eżatti tad-data disponibbli għall-UPPE u l-OLAF għall-finijiet tal-eżerċizzju ta' dmirijiethom skont dawk l-artikoli. L-abbozzi ta' dawk l-atti ta' implimentazzjoni jenħtieġ li jiġu ppreżentati lill-Parlament Ewropew għal skopijiet ta' informazzjoni, sabiex ikun jista' jeżerċita d-drittijiet tiegħu.

Or. en

Emenda 27
Tomáš Kubín, Jaroslava Pokorná Jermanová, Pierre Pimpie

Proposta għal regolament
Premessa 10a (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(10a) Il-protezzjoni tad-data trid tibqa' kunsiderazzjoni ewlenija, speċjalment minħabba li r-Regolament (UE) Nru 904/2010 jagħti, f'ċirkostanzi speċifiċi, aċċess dirett għall-bażijiet tad-data amministrattivi għall-finijiet tal-infurzar tal-liġi. Għalhekk, il-prinċipji tal-limitazzjoni tal-fini u l-minimizzazzjoni tad-data jenħtieġ li jiġu rrispettati bis-shiħ. Huma meħtieġa salvagwardji robusti li jiżguraw li l-aċċess jibqa' limitat għall-informazzjoni meħtieġa għall-investigazzjoni ta' reat speċifiku u jkun attribwibbli wkoll għal fajl tal-każ u għal utent.

Or. en

Emenda 28
Pasquale Tridico

Proposta għal regolament
Premessa 11

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(11) Peress li s-sistemi, l-infrastruttura u l-mezzi tekniċi li jiffaċilitaw l-iskambju ta' informazzjoni dwar il-VAT fil-livell tal-Unjoni jeħtieġ li jiġu adattati biex jippermettu aċċess sigur tal-UPPE u tal-OLAF, huwa neċessarju li l-applikazzjoni tad-dispożizzjonijiet rilevanti tiġi differita sabiex l-Istati Membri, il-Kummissjoni, l-UPPE u l-OLAF ikunu jistgħu jwettqu l-adattamenti neċessarji. Dan jenħtieġ li jqis id-dati meta se ssir operazzjonali l-VIES ċentrali u meta se tiġi eliminata gradwalment il-VIES storika. Jenħtieġ li l-UPPE u l-OLAF ikunu responsabbli għall-kostijiet tal-istabbiliment u taż-żamma tal-infrastruttura u tal-mezzi tekniċi rilevanti għall-aċċess sigur għall-informazzjoni dwar il-VAT.	(11) Peress li s-sistemi, l-infrastruttura u l-mezzi tekniċi li jiffaċilitaw l-iskambju ta' informazzjoni dwar il-VAT fil-livell tal-Unjoni jeħtieġ li jiġu adattati biex jippermettu aċċess sigur tal-UPPE u tal-OLAF, huwa neċessarju li l-applikazzjoni tad-dispożizzjonijiet rilevanti tiġi differita sabiex l-Istati Membri, il-Kummissjoni, l-UPPE u l-OLAF ikunu jistgħu jwettqu l-adattamenti neċessarji. Dan jenħtieġ li jqis id-dati meta se ssir operazzjonali l-VIES ċentrali u meta se tiġi eliminata gradwalment il-VIES storika. Jenħtieġ li l-UPPE u l-OLAF ikunu responsabbli għall-kostijiet tal-istabbiliment u taż-żamma tal-infrastruttura u tal-mezzi tekniċi rilevanti għall-aċċess sigur għall-informazzjoni dwar il-VAT. ***Sabiex tiġi żgurata l-implimentazzjoni effettiva ta' dan ir-Regolament, jenħtieġ li jitqiegħdu għad-dispożizzjoni tal-UPPE u tal-OLAF riżorsi finanzjarji u umani adegwati u stabbli, inkluż għarfien espert intern speċjalizzat fl-investigazzjonijiet finanzjarji, fil-forensika diġitali u fl-analiżi tad-data. Il-finanzjament tal-Unjoni jenħtieġ li jappoġġa l-iżvilupp u l-manutenzjoni ta' sistemi interoperabbli tal-IT u għodod ta' komunikazzjoni siguri meħtieġa għal kooperazzjoni effiċjenti.***

Or. en

Emenda 29
Rasmus Andresen

Proposta għal regolament
Premessa 11

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(11) Peress li s-sistemi, l-infrastruttura u l-mezzi tekniċi li jiffaċilitaw l-iskambju ta' informazzjoni dwar il-VAT fil-livell tal-Unjoni jeħtieġ li jiġu adattati biex jippermettu aċċess sigur tal-UPPE u tal-	(11) Peress li s-sistemi, l-infrastruttura u l-mezzi tekniċi li jiffaċilitaw l-iskambju ta' informazzjoni dwar il-VAT fil-livell tal-Unjoni jeħtieġ li jiġu adattati biex jippermettu aċċess sigur tal-UPPE u tal-

OLAF, huwa neċessarju li l-applikazzjoni tad-dispożizzjonijiet rilevanti tiġi differita sabiex l-Istati Membri, il-Kummissjoni, l-UPPE u l-OLAF ikunu jistgħu jwettqu l-adattamenti neċessarji. Dan jenħtieġ li jqis id-dati meta se ssir operazzjonali l-VIES ċentrali u meta se tiġi eliminata gradwalment il-VIES storika. Jenħtieġ li ***l-UPPE u l-OLAF ikunu responsabbli għall-kostijiet tal-istabbiliment u taż-żamma tal-infrastruttura u tal-mezzi*** tekniċi rilevanti ***għall-aċċess*** sigur għall-informazzjoni dwar il-VAT.

OLAF, huwa neċessarju li l-applikazzjoni tad-dispożizzjonijiet rilevanti tiġi differita sabiex l-Istati Membri, il-Kummissjoni, l-UPPE u l-OLAF ikunu jistgħu jwettqu l-adattamenti neċessarji. Dan jenħtieġ li jqis id-dati meta se ssir operazzjonali l-VIES ċentrali u meta se tiġi eliminata gradwalment il-VIES storika. ***Meta tiddetermina d-dettalji tekniċi permezz ta' atti ta' implimentazzjoni,*** jenħtieġ li ***l-Kummissjoni tiżgura li jiġu stabbiliti soluzzjonijiet tekniċi xierqa biex l-OLAF u l-UPPE jkunu jistgħu jaċċessawhom, inkluż, fejn xieraq, gateway jew interfaċċa separata, sabiex tappoġġa l-konformità mal-prinċipji tal-limitazzjoni tal-fini u l-minimizzazzjoni tad-data. Jenħtieġ li jitqiegħdu għad-dispożizzjoni tal-UPPE u tal-OLAF riżorsi adegwati sabiex jiġu stabbiliti u miżmuma l-infrastruttura u l-mezzi*** tekniċi rilevanti ***għal aċċess*** sigur għall-informazzjoni dwar il-VAT.

Or. en

Emenda 30
Ľudovít Ódor, Gilles Boyer

Proposta għal regolament
Premessa 11

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(11) Peress li s-sistemi, l-infrastruttura u l-mezzi tekniċi li jiffaċilitaw l-iskambju ta' informazzjoni dwar il-VAT fil-livell tal-Unjoni jeħtieġ li jiġu adattati biex jippermettu aċċess sigur tal-UPPE u tal-OLAF, huwa neċessarju li l-applikazzjoni tad-dispożizzjonijiet rilevanti tiġi differita sabiex l-Istati Membri, il-Kummissjoni, l-UPPE u l-OLAF ikunu jistgħu jwettqu l-adattamenti neċessarji. Dan jenħtieġ li jqis id-dati meta se ssir operazzjonali l-VIES ċentrali u meta se tiġi eliminata gradwalment il-VIES storika. Jenħtieġ li ***l-UPPE u l-OLAF ikunu responsabbli għall-kostijiet tal-istabbiliment u taż-***	(11) Peress li s-sistemi, l-infrastruttura u l-mezzi tekniċi li jiffaċilitaw l-iskambju ta' informazzjoni dwar il-VAT fil-livell tal-Unjoni jeħtieġ li jiġu adattati biex jippermettu aċċess sigur tal-UPPE u tal-OLAF, huwa neċessarju li l-applikazzjoni tad-dispożizzjonijiet rilevanti tiġi differita sabiex l-Istati Membri, il-Kummissjoni, l-UPPE u l-OLAF ikunu jistgħu jwettqu l-adattamenti neċessarji. Dan jenħtieġ li jqis id-dati meta se ssir operazzjonali l-VIES ċentrali u meta se tiġi eliminata gradwalment il-VIES storika. ***Bl-għan li jiġi żgurat li r-rekwiżiti tekniċi l-ġodda ma jnaqqsux il-kapaċitajiet investigattivi tal-***

żamma tal-infrastruttura u tal-mezzi tekniċi rilevanti ***għall-aċċess*** sigur għall-informazzjoni dwar il-VAT.	***UPPE u tal-OLAF, u f'konformità mal-prinċipji tan-newtralità baġitarja,*** jenħtieġ li ***l-awtoritajiet baġitarji jipprovdu finanzjament adegwat għall-UPPE u għall-OLAF li jirrifletti l-kostijiet addizzjonali biex jiġu stabbiliti u miżmuma l-infrastruttura*** rilevanti ***u l-mezzi tekniċi għal aċċess*** sigur għall-informazzjoni dwar il-VAT.

Or. en

Emenda 31
Carla Tavares, Niels Fuglsang, Francisco Assis, Aurore Lalucq, Jonás Fernández, Bruno Gonçalves, César Luena

Proposta għal regolament
Premessa 11

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(11) Peress li s-sistemi, l-infrastruttura u l-mezzi tekniċi li jiffaċilitaw l-iskambju ta' informazzjoni dwar il-VAT fil-livell tal-Unjoni jeħtieġ li jiġu adattati biex jippermettu aċċess sigur tal-UPPE u tal-OLAF, huwa neċessarju li l-applikazzjoni tad-dispożizzjonijiet rilevanti tiġi differita sabiex l-Istati Membri, il-Kummissjoni, l-UPPE u l-OLAF ikunu jistgħu jwettqu l-adattamenti neċessarji. Dan jenħtieġ li jqis id-dati meta se ssir operazzjonali l-VIES ċentrali u meta se tiġi eliminata gradwalment il-VIES storika. ***Jenħtieġ li*** l-UPPE u l-OLAF ***ikunu responsabbli għall-kostijiet tal-istabbiliment u taż-żamma tal-infrastruttura u tal-mezzi tekniċi rilevanti għall-aċċess sigur għall-informazzjoni*** dwar il-VAT.	(11) Peress li s-sistemi, l-infrastruttura u l-mezzi tekniċi li jiffaċilitaw l-iskambju ta' informazzjoni dwar il-VAT fil-livell tal-Unjoni jeħtieġ li jiġu adattati biex jippermettu aċċess sigur tal-UPPE u tal-OLAF, huwa neċessarju li l-applikazzjoni tad-dispożizzjonijiet rilevanti tiġi differita sabiex l-Istati Membri, il-Kummissjoni, l-UPPE u l-OLAF ikunu jistgħu jwettqu l-adattamenti neċessarji. Dan jenħtieġ li jqis id-dati meta se ssir operazzjonali l-VIES ċentrali u meta se tiġi eliminata gradwalment il-VIES storika. ***Sabiex tiġi żgurata l-implimentazzjoni effettiva ta' dan ir-Regolament,*** l-UPPE u l-OLAF ***jenħtieġ li jingħataw appoġġ finanzjarju, tekniku u tar-riżorsi umani adegwat biex tiġi żgurata infrastruttura sigura, reżiljenti u affidabbli biex tiġi kondiviża l-informazzjoni*** dwar il-VAT.

Or. en

Emenda 32
Rasmus Andresen

Proposta għal regolament
Premessa 11a (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(11a) Minħabba n-natura eċċezzjonali tal-aċċess mill-UPPE u l-OLAF, tali aċċess jenħtieġ li jkun limitat għall-informazzjoni meħtieġa għall-investigazzjoni ta' reati speċifiċi, ikun teknikament ikkontrollat biex jiġu evitati mistoqsijiet eċċessivi jew mhux immirati, u jkun kompletament awditjabbli, inkluż mill-awtoritajiet superviżorji kompetenti għall-infurzar tar-regoli applikabbli dwar il-protezzjoni tad-data personali. Il-miżuri tekniċi u organizzattivi jenħtieġ li jiżguraw li kull aċċess ikun attribwibbli għal investigazzjoni u investigatur konkreti, u li jkun hemm fis-seħħ proċessi tal-awtorizzazzjoni interna, sorveljanza u salvagwardji biex jiġi evitat l-użu ħażin.

Or. en

Emenda 33
Pasquale Tridico

Proposta għal regolament
Premessa 11a (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(11a) L-iżgurar ta' livelli suffiċjenti ta' għarfien espert intern fl-UPPE u l-OLAF huwa essenzjali għall-użu effettiv ta' sistemi avvanzati ta' data u għat-trattament ta' każijiet transfruntiera dejjem aktar kumplessi. In-nuqqasijiet fl-għarfien espert speċjalizzat u fil-kapaċità teknika jirriskjaw li jimminaw l-effiċjenza tal-investigazzjonijiet u l-użu xieraq tad-data disponibbli.

Or. en

Emenda 34
Rasmus Andresen

Proposta għal regolament
Premessa 12

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(12) Il-Kontrollur Ewropew għall-Protezzjoni tad-Data ġie kkonsultat f'konformità mal-Artikolu 42(1) tar-Regolament (UE) 2018/1725 u ta opinjoni ***fi […]***.	(12) Il-Kontrollur Ewropew għall-Protezzjoni tad-Data ġie kkonsultat f'konformità mal-Artikolu 42(1) tar-Regolament (UE) 2018/1725 u ta opinjoni ***fis-7 ta' Jannar 2026***.

Or. en

Emenda 35
Tomáš Kubín, Jaroslava Pokorná Jermanová, Pierre Pimpie

Proposta għal regolament
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 2
Regolament (UE) Nru 904/2010
Artikolu 24d – paragrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
1. L-aċċess għas-Sistema Elettronika Ċentrali ta' Informazzjoni dwar il-Pagamenti (CESOP, Central Electronic System of Payment) għandu jingħata lill-uffiċjali ta' kollegament tal-Eurofisc, kif imsemmi fl-Artikolu 36(1), li jkollhom identifikazzjoni tal-utent personali għas-CESOP u meta dak l-aċċess ikun b'rabta ma' investigazzjoni f'suspett ta' frodi tal-VAT jew biex jidentifika frodi tal-VAT.	1. L-aċċess għas-Sistema Elettronika Ċentrali ta' Informazzjoni dwar il-Pagamenti (CESOP, Central Electronic System of Payment) għandu jingħata ***biss*** lill-uffiċjali ta' kollegament tal-Eurofisc, kif imsemmi fl-Artikolu 36(1), li jkollhom identifikazzjoni tal-utent personali għas-CESOP u meta dak l-aċċess ikun b'rabta ma' investigazzjoni f'suspett ta' frodi tal-VAT jew biex jidentifika frodi tal-VAT.

Or. en

Emenda 36
Tomáš Kubín, Jaroslava Pokorná Jermanová, Pierre Pimpie

Proposta għal regolament
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 2

Regolament (UE) Nru 904/2010
Artikolu 24d – paragrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
2. L-UPPE u l-OLAF ***għandhom jaċċessaw l-informazzjoni*** tas-CESOP f'konformità mal-limiti u ***mar-regoli*** stabbiliti ***fl-Artikolu*** 49a u 49b**.**;	2. ***B'deroga mill-paragrafu 1,*** l-UPPE u l-OLAF ***għandu jkollhom aċċess għall-informazzjoni*** tas-CESOP f'konformità mal-limiti u ***r-regoli*** stabbiliti ***fl-Artikoli*** 49a u 49b;

Or. en

Emenda 37
Carla Tavares, Niels Fuglsang, Francisco Assis, Aurore Lalucq, Jonás Fernández, Bruno Gonçalves, César Luena

Proposta għal regolament
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 3
Regolament (UE) Nru 904/2010
Artikolu 24k – paragrafu 1a

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
1a. L-UPPE u l-OLAF għandhom jaċċessaw l-informazzjoni tal-VIES ċentrali f'konformità mal-limiti u mar-regoli stabbiliti fl-Artikolu 49a u 49b;	1a. L-UPPE u l-OLAF għandhom jaċċessaw l-informazzjoni tal-VIES ċentrali ***permezz ta' interfaċċa ċentrali sigura li tiżgura l-kunfidenzjalità u*** f'konformità mal-limiti u mar-regoli stabbiliti fl-Artikolu 49a u 49b;

Or. en

Emenda 38
Tomáš Kubín, Jaroslava Pokorná Jermanová, Pierre Pimpie

Proposta għal regolament
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 3
Regolament (UE) Nru 904/2010
Artikolu 24k – paragrafu 1a

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
1a. L-UPPE u l-OLAF ***għandhom jaċċessaw l-informazzjoni*** tal-VIES ċentrali f'konformità mal-limiti u mar-	1a. L-UPPE u l-OLAF ***għandu jkollhom aċċess għall-informazzjoni*** tal-VIES ċentrali f'konformità mal-limiti u

regoli stabbiliti ***fl-Artikolu*** 49a u 49b;	mar-regoli stabbiliti ***fl-Artikoli*** 49a u 49b;

Or. en

Emenda 39
Rasmus Andresen

Proposta għal regolament
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 4
Regolament (UE) Nru 904/2010
Artikolu 36 – paragrafu 2a

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
2a. Il-koordinaturi tal-oqsma ta' ħidma tal-Eurofisc għandhom jikkomunikaw lill-UPPE, f'konformità mal-Artikolu 24(1) tar-Regolament tal-Kunsill (UE) 2017/1939* fir-rigward tal-Istati Membri li jipparteċipaw fl-UPPE u f'konformità ma' dan l-Artikolu fir-rigward tal-Istati Membri l-oħra, mingħajr dewmien żejjed, kwalunkwe indikazzjoni ta' frodi transfruntiera tal-VAT ***suspettat abbażi ta'*** informazzjoni kkomunikata jew miġbura skont dan ir-Regolament li fir-rigward tagħha l-UPPE jista' ***jeżerċità*** l-kompetenza tiegħu.	2a. Il-koordinaturi tal-oqsma ta' ħidma tal-Eurofisc għandhom jikkomunikaw lill-UPPE, f'konformità mal-Artikolu 24(1) tar-Regolament tal-Kunsill (UE) 2017/1939* fir-rigward tal-Istati Membri li jipparteċipaw fl-UPPE u f'konformità ma' dan l-Artikolu fir-rigward tal-Istati Membri l-oħra, mingħajr dewmien żejjed, kwalunkwe indikazzjoni ta' frodi ***suspettata*** transfruntiera tal-VAT ***ibbażata fuq*** informazzjoni kkomunikata jew miġbura skont dan ir-Regolament li fir-rigward tagħha l-UPPE jista' ***jeżerċita*** l-kompetenza tiegħu***, dment li tali komunikazzjoni tkun meħtieġa u proporzjonata, limitata għal dak li huwa strettament rilevanti għall-finijiet tal-mandat tal-UPPE, u mwettqa f'konformità sħiħa mal-liġi tal-Unjoni dwar il-protezzjoni tad-data***.

Or. en

Emenda 40
Carla Tavares, Niels Fuglsang, Francisco Assis, Aurore Lalucq, Jonás Fernández, Bruno Gonçalves, César Luena

Proposta għal regolament
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 4
Regolament (UE) Nru 904/2010
Artikolu 36 – paragrafu 2a

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
2a. Il-koordinaturi tal-oqsma ta' ħidma tal-Eurofisc għandhom jikkomunikaw lill-UPPE, f'konformità mal-Artikolu 24(1) tar-Regolament tal-Kunsill (UE) 2017/1939* fir-rigward tal-Istati Membri li jipparteċipaw fl-UPPE u f'konformità ma' dan l-Artikolu fir-rigward tal-Istati Membri l-oħra, mingħajr dewmien żejjed, kwalunkwe indikazzjoni ta' frodi transfruntiera tal-VAT ***suspettat abbażi ta'*** informazzjoni kkomunikata jew miġbura skont dan ir-Regolament li fir-rigward tagħha l-UPPE jista' ***jeżerċità*** l-kompetenza tiegħu.	2a. Il-koordinaturi tal-oqsma ta' ħidma tal-Eurofisc għandhom jikkomunikaw lill-UPPE, f'konformità mal-Artikolu 24(1) tar-Regolament tal-Kunsill (UE) 2017/1939* fir-rigward tal-Istati Membri li jipparteċipaw fl-UPPE u f'konformità ma' dan l-Artikolu fir-rigward tal-Istati Membri l-oħra, mingħajr dewmien żejjed, kwalunkwe indikazzjoni ta' frodi ***suspettata*** transfruntiera tal-VAT ***ibbażata fuq*** informazzjoni kkomunikata jew miġbura skont dan ir-Regolament li fir-rigward tagħha l-UPPE jista' ***jeżerċita*** l-kompetenza tiegħu. ***Għal din il-fini, il-koordinaturi tal-oqsma ta' ħidma tal-Eurofisc għandhom jipprovdu lill-UPPE bl-informazzjoni li jeħtieġ sabiex jivvaluta jekk għandux jeżerċita l-kompetenza tiegħu.***

Or. en

Emenda 41
Ľudovít Ódor, Gilles Boyer

Proposta għal regolament
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 4
Regolament (UE) Nru 904/2010
Artikolu 36 – paragrafu 2a

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
2a. Il-koordinaturi tal-oqsma ta' ħidma tal-Eurofisc għandhom jikkomunikaw lill-UPPE, f'konformità mal-Artikolu 24(1) tar-Regolament tal-Kunsill (UE) 2017/1939* fir-rigward tal-Istati Membri li jipparteċipaw fl-UPPE u f'konformità ma' dan l-Artikolu fir-rigward tal-Istati Membri l-oħra, mingħajr dewmien żejjed, kwalunkwe indikazzjoni ta' frodi transfruntiera tal-VAT ***suspettat abbażi ta'*** informazzjoni kkomunikata jew miġbura skont dan ir-Regolament li fir-rigward tagħha l-UPPE jista' ***jeżerċità l-kompetenza*** tiegħu.	2a. Il-koordinaturi tal-oqsma ta' ħidma tal-Eurofisc għandhom jikkomunikaw lill-UPPE, f'konformità mal-Artikolu 24(1) tar-Regolament tal-Kunsill (UE) 2017/1939* fir-rigward tal-Istati Membri li jipparteċipaw fl-UPPE u f'konformità ma' dan l-Artikolu fir-rigward tal-Istati Membri l-oħra, mingħajr dewmien żejjed, kwalunkwe indikazzjoni ta' frodi ***suspettata*** transfruntiera tal-VAT ***ibbażata fuq*** informazzjoni kkomunikata jew miġbura skont dan ir-Regolament***, limitata għall-informazzjoni speċifika strettament meħtieġa*** li fir-rigward tagħha***,***

l-UPPE jista' ***jivvaluta jekk jeżerċitax il-kompetenza*** tiegħu.

Or. en

Emenda 42
Tomáš Kubín, Jaroslava Pokorná Jermanová, Pierre Pimpie

Proposta għal regolament
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 4
Regolament (UE) Nru 904/2010
Artikolu 36 – paragrafu 2b

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
2b. Matul investigazzjoni jew prosekuzzjoni minn, u fuq talba tal-UPPE, f'konformità mal-Artikolu 24(9) tar-Regolament tal-Kunsill (UE) 2017/1939 fir-rigward tal-Istati Membri li jipparteċipaw fl-UPPE u f'konformità ma' dan l-Artikolu fir-rigward tal-Istati Membri l-oħra, il-koordinaturi tal-oqsma ta' ħidma tal-Eurofisc għandhom jikkomunikaw lill-UPPE, kwalunkwe informazzjoni mill-Istati Membri dwar frodi transfruntiera tal-VAT ikkomunikata jew miġbura skont dan ir-Regolament.	2b. Matul investigazzjoni jew prosekuzzjoni minn, u fuq talba tal-UPPE, f'konformità mal-Artikolu 24(9) tar-Regolament tal-Kunsill (UE) 2017/1939 fir-rigward tal-Istati Membri li jipparteċipaw fl-UPPE u f'konformità ma' dan l-Artikolu fir-rigward tal-Istati Membri l-oħra, il-koordinaturi tal-oqsma ta' ħidma tal-Eurofisc għandhom jikkomunikaw lill-UPPE, kwalunkwe informazzjoni ***rilevanti*** mill-Istati Membri dwar frodi transfruntiera tal-VAT ikkomunikata jew miġbura skont dan ir-Regolament.

Or. en

Emenda 43
Carla Tavares, Niels Fuglsang, Francisco Assis, Aurore Lalucq, Jonás Fernández, Bruno Gonçalves, César Luena

Proposta għal regolament
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 4
Regolament (UE) Nru 904/2010
Artikolu 36 – paragrafu 2c

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
2c. F'konformità mal-Artikolu 8(2) u (3) tar-Regolament (UE, Euratom) Nru 883/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill** il-koordinaturi tal-oqsma ta'	2c. F'konformità mal-Artikolu 8(2) u (3) tar-Regolament (UE, Euratom) Nru 883/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill** il-koordinaturi tal-oqsma ta'

ħidma tal-Eurofisc għandhom jikkomunikaw lill-OLAF mingħajr dewmien ***kull indiakzzjoni*** ta' frodi suspettata transfruntiera tal-VAT ibbażata fuq informazzjoni minn Stati Membri ***ikkomunikata*** jew miġbura skont dan ir-Regolament biex l-OLAF ikun jista' jikkunsidra l-azzjoni xierqa f'konformità mal-mandat tiegħu.	ħidma tal-Eurofisc għandhom jikkomunikaw lill-OLAF**,** mingħajr dewmien**, *kull indikazzjoni*** ta' frodi suspettata transfruntiera tal-VAT ibbażata fuq informazzjoni minn Stati Membri ***kkomunikata*** jew miġbura skont dan ir-Regolament biex l-OLAF ikun jista' jikkunsidra l-azzjoni xierqa f'konformità mal-mandat tiegħu. ***Għal din il-fini, u sabiex tissaħħaħ il-kapaċità tal-Unjoni li tidentifika u tipprevjeni l-frodi transfruntiera tal-VAT, il-koordinaturi tal-oqsma ta' ħidma tal-Eurofisc għandhom jipprovdu lill-OLAF bl-informazzjoni li jeħtieġ sabiex jivvaluta jekk għandux jeżerċita l-kompetenza tiegħu.***
	Or. en

Emenda 44
Rasmus Andresen

Proposta għal regolament
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 4
Regolament (UE) Nru 904/2010
Artikolu 36 – paragrafu 2c

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
2c. F'konformità mal-Artikolu 8(2) u (3) tar-Regolament (UE, Euratom) Nru 883/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill** il-koordinaturi tal-oqsma ta' ħidma tal-Eurofisc għandhom jikkomunikaw lill-OLAF mingħajr dewmien ***kull indiakzzjoni*** ta' frodi suspettata transfruntiera tal-VAT ibbażata fuq informazzjoni minn Stati Membri ***ikkomunikata*** jew miġbura skont dan ir-Regolament biex l-OLAF ikun jista' jikkunsidra l-azzjoni xierqa f'konformità mal-mandat tiegħu.	2c. F'konformità mal-Artikolu 8(2) u (3) tar-Regolament (UE, Euratom) Nru 883/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill** il-koordinaturi tal-oqsma ta' ħidma tal-Eurofisc għandhom jikkomunikaw lill-OLAF**,** mingħajr dewmien**, *kull indikazzjoni*** ta' frodi suspettata transfruntiera tal-VAT ibbażata fuq informazzjoni minn Stati Membri ***kkomunikata*** jew miġbura skont dan ir-Regolament biex l-OLAF ikun jista' jikkunsidra l-azzjoni xierqa f'konformità mal-mandat tiegħu**, *filwaqt li jiżgura delineazzoni ċara tal-kompetenzi bejn l-OLAF u l-UPPE u jevita d-duplikazzjoni tal-azzjonijiet investigattivi*.**
	Or. en

Emenda 45
Ľudovít Ódor, Gilles Boyer

Proposta għal regolament
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 4
Regolament (UE) Nru 904/2010
Artikolu 36 – paragrafu 2c

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
2c. F'konformità mal-Artikolu 8(2) u (3) tar-Regolament (UE, Euratom) Nru 883/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill** il-koordinaturi tal-oqsma ta' ħidma tal-Eurofisc għandhom jikkomunikaw lill-OLAF mingħajr dewmien ***kull indiakzzjoni*** ta' frodi suspettata transfruntiera tal-VAT ibbażata fuq informazzjoni minn Stati Membri ***ikkomunikata*** jew miġbura skont dan ir-Regolament biex l-OLAF ikun jista' ***jikkunsidra*** l-azzjoni xierqa f'konformità mal-mandat tiegħu.	2c. F'konformità mal-Artikolu 8(2) u (3) tar-Regolament (UE, Euratom) Nru 883/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill** il-koordinaturi tal-oqsma ta' ħidma tal-Eurofisc għandhom jikkomunikaw lill-OLAF***,*** mingħajr dewmien***, kull indikazzjoni*** ta' frodi suspettata transfruntiera tal-VAT ibbażata fuq informazzjoni minn Stati Membri ***kkomunikata*** jew miġbura skont dan ir-Regolament***, limitata għall-informazzjoni speċifika strettament meħtieġa*** biex l-OLAF ikun jista' ***jivvaluta jekk jikkunsidrax*** l-azzjoni xierqa f'konformità mal-mandat tiegħu.

Or. en

Emenda 46
Tomáš Kubín, Jaroslava Pokorná Jermanová, Pierre Pimpie

Proposta għal regolament
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 4
Regolament (UE) Nru 904/2010
Artikolu 36 – paragrafu 2c

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
2c. F'konformità mal-Artikolu 8(2) u (3) tar-Regolament (UE, Euratom) Nru 883/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill** il-koordinaturi tal-oqsma ta' ħidma tal-Eurofisc għandhom jikkomunikaw lill-OLAF mingħajr dewmien ***kull indiakzzjoni*** ta' frodi suspettata transfruntiera tal-VAT ibbażata	2c. F'konformità mal-Artikolu 8(2) u (3) tar-Regolament (UE, Euratom) Nru 883/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill** il-koordinaturi tal-oqsma ta' ħidma tal-Eurofisc għandhom jikkomunikaw lill-OLAF***,*** mingħajr dewmien ***żejjed, indikazzjonijiet ċari*** ta' frodi suspettata transfruntiera tal-VAT

fuq informazzjoni minn Stati Membri ***ikkomunikata*** jew miġbura skont dan ir-Regolament biex l-OLAF ikun jista' jikkunsidra l-azzjoni xierqa f'konformità mal-mandat tiegħu.	ibbażata fuq informazzjoni minn Stati Membri ***kkomunikati*** jew miġbura skont dan ir-Regolament biex l-OLAF ikun jista' jikkunsidra l-azzjoni xierqa f'konformità mal-mandat tiegħu.

Or. en

Emenda 47
Rasmus Andresen

Proposta għal regolament
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 4
Regolament (UE) Nru 904/2010
Artikolu 36 – paragrafu 2d

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
F'konformità mal-Artikolu 8(2) u (3) tar-Regolament (UE, Euratom) Nru 883/2013 u fuq talba tal-OLAF, il-koordinaturi tal-oqsma ta' ħidma tal-Eurofisc għandhom jikkomunikaw lill-OLAF kwalunkwe informazzjoni mill-Istati Membri dwar frodi transfruntiera tal-VAT ikkomunikata jew miġbura skont dan ir-Regolament biex l-OLAF ikun jista' jikkunsidra l-azzjoni xierqa f'konformità mal-mandat tiegħu.	F'konformità mal-Artikolu 8(2) u (3) tar-Regolament (UE, Euratom) Nru 883/2013 u fuq talba tal-OLAF, il-koordinaturi tal-oqsma ta' ħidma tal-Eurofisc għandhom jikkomunikaw lill-OLAF kwalunkwe informazzjoni mill-Istati Membri dwar frodi transfruntiera tal-VAT ikkomunikata jew miġbura skont dan ir-Regolament biex l-OLAF ikun jista' jikkunsidra l-azzjoni xierqa f'konformità mal-mandat tiegħu***, soġġetta għal limitazzjoni tal-fini stretta, minimizzazzjoni tad-data, u rekwiżiti xierqa ta' reġistrazzjoni u traċċabbiltà***.

Or. en

Emenda 48
Tomáš Kubín, Jaroslava Pokorná Jermanová, Pierre Pimpie

Proposta għal regolament
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 4
Regolament (UE) Nru 904/2010
Artikolu 36 – paragrafu 2d

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
F'konformità mal-Artikolu 8(2) u (3) tar-Regolament (UE, Euratom) Nru 883/2013	F'konformità mal-Artikolu 8(2) u (3) tar-Regolament (UE, Euratom) Nru 883/2013

u fuq talba tal-OLAF, il-koordinaturi tal-oqsma ta' ħidma tal-Eurofisc għandhom jikkomunikaw lill-OLAF kwalunkwe informazzjoni mill-Istati Membri dwar frodi transfruntiera tal-VAT ikkomunikata jew miġbura skont dan ir-Regolament biex l-OLAF ikun jista' jikkunsidra l-azzjoni xierqa f'konformità mal-mandat tiegħu.	u fuq talba tal-OLAF, il-koordinaturi tal-oqsma ta' ħidma tal-Eurofisc għandhom jikkomunikaw lill-OLAF kwalunkwe informazzjoni ***rilevanti*** mill-Istati Membri dwar frodi transfruntiera tal-VAT ikkomunikata jew miġbura skont dan ir-Regolament biex l-OLAF ikun jista' jikkunsidra l-azzjoni xierqa f'konformità mal-mandat tiegħu.

Or. en

Emenda 49
Rasmus Andresen

Proposta għal regolament
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 4
Regolament (UE) Nru 904/2010
Artikolu 36 – paragrafu 2da (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	2da. L-Eurofisc għandu jistabbilixxi proċeduri interni ċari li jirregolaw tali trażmissjonijiet, inklużi ż-żamma tar-rekords, kanali ta' komunikazzjoni siguri, awditi perjodiċi, u rapportar lill-Parlament Ewropew u lill-parlamenti nazzjonali dwar l-implimentazzjoni ta' dan l-Artikolu, sabiex jiġu żgurati t-trasparenza, l-obbligu ta' rendikont u l-konformità mad-drittijiet fundamentali.

Or. en

Emenda 50
Pasquale Tridico

Proposta għal regolament
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 4
Regolament (UE) Nru 904/2010
Artikolu 36 – paragrafu 2da (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	2da. L-UPPE u l-OLAF għandhom

jistabbilixxu mekkaniżmi ta' kooperazzjoni strutturati, inkluż laqgħat regolari ta' koordinazzjoni operazzjonali u funzjonijiet dedikati ta' kollegament, sabiex jiġi żgurat skambju f'waqtu ta' informazzjoni, tiġi evitata d-duplikazzjoni tal-isforzi u titrawwem fiduċja reċiproka fl-eżekuzzjoni tal-mandati rispettivi tagħhom.

Or. en

Emenda 51
Rasmus Andresen

Proposta għal regolament
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 5
Regolament (UE) Nru 904/2010
Artikolu 49a – paragrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
1. Mingħajr preġudizzju għall-Artikolu 43 tar-Regolament (UE) 2017/1939, l-awtoritajiet kompetenti tal-Istati Membri għandhom jagħtu lill-UPPE aċċess ċentralizzat għal tfittxijiet immirati għall-informazzjoni li ġejja:	1. Mingħajr preġudizzju għall-Artikolu 43 tar-Regolament (UE) 2017/1939, l-awtoritajiet kompetenti tal-Istati Membri għandhom jagħtu lill-UPPE aċċess ċentralizzat għal tfittxijiet immirati għall-informazzjoni li ġejja ***fil-limitu ta' dak li huwa strettament meħtieġ u proporzjonat għall-finijiet tal-mandat tiegħu***:

Or. en

Emenda 52
Roberts Zīle

Proposta għal regolament
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 5
Regolament (UE) Nru 904/2010
Artikolu 49a – paragrafu 1a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	1a. Kwalunkwe aċċess mogħti skont il-paragrafu 1 għandu jkun strettament

proporzjonat u limitat biss għall-investigazzjoni jew il-prosekuzzjoni attiva ta' reati li jaqgħu fil-kamp ta' applikazzjoni tal-Artikolu 4 tar-Regolament (UE) 2017/1939. Sabiex jiġu ssalvagwardjati l-prinċipji tal-protezzjoni tad-data, l-arkitettura u l-protokolli operazzjonali tas-sistema għandhom jirrestringu speċifikament il-mistoqsijiet għal fajls tal-każijiet individwali u dokumentati, u b'hekk jipprojbixxu b'mod espliċitu kwalunkwe forma ta' estrazzjoni ta' data spekulattiva jew tfittxijiet ġeneralizzati.

Or. en

Emenda 53
Rasmus Andresen

Proposta għal regolament
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 5
Regolament (UE) Nru 904/2010
Artikolu 49a – paragrafu 1a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	1a. Tali aċċess ma għandux jippermetti l-estrazzjoni ta' data bil-massa, il-monitoraġġ ġeneralizzat jew it-tfassil ta' profili awtomatizzat mhux marbuta ma' investigazzjoni amministrattiva speċifika.

Or. en

Emenda 54
Carla Tavares, Niels Fuglsang, Francisco Assis, Aurore Lalucq, Jonás Fernández, Bruno Gonçalves, César Luena

Proposta għal regolament
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 5
Regolament (UE) Nru 904/2010
Artikolu 49a – paragrafu 1a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	1a. L-aċċess ċentralizzat imsemmi fil-paragrafu 1 għandu jitfassal u jitħaddem biex jipprovdi lill-UPPE b'aċċess immirat u speċifiku għall-każ li jkollu bżonn biex jappoġġa l-investigazzjoni u l-prosekuzzjoni ta' reati kriminali f'konformità mal-Artikolu 4 tar-Regolament (UE) 2017/1939.

Or. en

Emenda 55
Carla Tavares, Niels Fuglsang, Francisco Assis, Aurore Lalucq, Jonás Fernández, Bruno Gonçalves, César Luena

Proposta għal regolament
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 5
Regolament (UE) Nru 904/2010
Artikolu 49a – paragrafu 1b (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	1b. L-aċċess ċentralizzat imsemmi fil-paragrafu 1 għandu jkun soġġett għal miżuri tekniċi u organizzattivi xierqa li jiżguraw li kull aċċess ikun attribwibbli għal investigazzjoni jew prosekuzzjoni speċifika u għal utent awtorizzat identifikat. Tali aċċess għandu jiġi rreġistrat b'mod li jippermetti verifika ex post effettiva.

Or. en

Emenda 56
Rasmus Andresen

Proposta għal regolament
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 5
Regolament (UE) Nru 904/2010
Artikolu 49a – paragrafu 2 – punt a

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*

(a) lill-Prosekuturi Ewropej, lill-Prosekuturi Delegati Ewropej u lill-persunal awtorizzat mill-Uffiċċju Ċentrali tal-UPPE li jkollhom identifikazzjoni personali tal-utent għas-sistemi elettroniċi li jippermettu aċċess ċentralizzat għall-informazzjoni msemmija fil-paragrafu 1 ta' dan l-Artikolu;	(a) lill-Prosekuturi Ewropej, lill-Prosekuturi Delegati Ewropej u lill-persunal awtorizzat mill-Uffiċċju Ċentrali tal-UPPE li jkollhom identifikazzjoni personali tal-utent għas-sistemi elettroniċi li jippermettu aċċess ċentralizzat għall-informazzjoni msemmija fil-paragrafu 1 ta' dan l-Artikolu***, soġġett għal awtorizzazzjoni tas-sigurtà minn qabel, limitazzjoni tal-aċċess ibbażata fuq ir-rwol u taħriġ obbligatorju dwar id-drittijiet fundamentali u l-protezzjoni tad-data***;

Or. en

Emenda 57
Rasmus Andresen

Proposta għal regolament
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 5
Regolament (UE) Nru 904/2010
Artikolu 49a – paragrafu 2 – punt c

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(c) taħt is-sorveljanza ***tal-Uffiċjali*** ta' kollegament tal-Eurofisc***.***	(c) taħt is-sorveljanza ***tal-uffiċjali*** ta' kollegament tal-Eurofisc ***u soġġett għal superviżjoni indipendenti tal-protezzjoni tad-data f'konformità mar-Regolament (UE) 2018/1725;***

Or. en

Emenda 58
Rasmus Andresen

Proposta għal regolament
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 5
Regolament (UE) Nru 904/2010
Artikolu 49a – paragrafu 3

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
3. Dak l-aċċess ċentralizzat għandu jkun aċċess permezz ta' punt ta' dħul uniku, għall-informazzjoni kollha li	3. Dak l-aċċess ċentralizzat għandu jkun aċċess permezz ta' punt ta' dħul uniku, għall-informazzjoni kollha li

tikkonċerna investigazzjoni, anke jekk dik l-informazzjoni ***tkun*** tikkonċerna diversi Stati Membri.	tikkonċerna investigazzjoni, anke jekk dik l-informazzjoni tikkonċerna diversi Stati Membri ***filwaqt li jiġu żgurati traċċabbiltà sħiħa, reġistrazzjoni tat-tfittxijiet kollha u mekkaniżmi ta' verifika ex post***.

Or. en

Emenda 59
Rasmus Andresen

Proposta għal regolament
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 5
Regolament (UE) Nru 904/2010
Artikolu 49a – paragrafu 3a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	3a. L-UPPE għandu jistabbilixxi salvagwardji organizzattivi interni biex jipprevjeni tfittxijiet mhux ġustifikati jew sproporzjonati, inklużi proċeduri ta' awtorizzazzjoni interni u mekkaniżmi ta' kontroll xierqa. Tali salvagwardji jistgħu jinkludu proċessi ta' awtorizzazzjoni interni komparabbli ma' dawk stabbiliti għal aċċess għal ċerti sistemi ta' informazzjoni tal-Unjoni, inkluż il-VIS u l-Eurodac.

Or. en

Emenda 60
Ľudovít Ódor, Gilles Boyer

Proposta għal regolament
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 5
Regolament (UE) Nru 904/2010
Artikolu 49a – paragrafu 4 – punt a

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(a) id-dettalji tekniċi dwar l-aċċess ċentralizzat għall-informazzjoni msemmija fil-paragrafu 1 ta' dan l-Artikolu inkluża l-lista tal-kategoriji tad-data, li magħhom	(a) id-dettalji tekniċi dwar l-aċċess ċentralizzat għall-informazzjoni msemmija fil-paragrafu 1 ta' dan l-Artikolu inkluża l-lista tal-kategoriji tad-data, li magħhom

jistgħu jitwettqu t-tfittxijiet immirati;	jistgħu jitwettqu t-tfittxijiet immirati***, inklużi mekkaniżmi preventivi kontra tfittxijiet mhux immirati***;

Or. en

Emenda 61
Ľudovít Ódor, Gilles Boyer

Proposta għal regolament
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 5
Regolament (UE) Nru 904/2010
Artikolu 49a – paragrafu 4 – punt b

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(b) l-arranġamenti prattiċi, inkluż il-mekkaniżmu ta' kontroll tal-aċċess u l-profil tal-utenti, biex jiġu identifikati l-utenti msemmija fil-paragrafu 2, ***il-punt*** (a) u (c), ta' dan l-Artikolu;	(b) l-arranġamenti prattiċi, inkluż il-mekkaniżmu ta' kontroll tal-aċċess u l-profil tal-utenti, biex jiġu identifikati l-utenti msemmija fil-paragrafu 2, ***il-punti*** (a) u (c), ta' dan l-Artikolu***, filwaqt li jiġi żgurat li kull aċċess ikun attribwibbli awtomatikament għal investigazzjoni jew prosekuzzjoni speċifika u utent awtorizzat, appoġġat minn reġistrazzjonijiet komprensivi għal verifika ex post effettiva***;

Or. en

Emenda 62
Rasmus Andresen

Proposta għal regolament
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 5
Regolament (UE) Nru 904/2010
Artikolu 49a – paragrafu 4 – subparagrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
L-atti ta' implimentazzjoni msemmija fl-ewwel subparagrafu għandhom jiġu adottati f'konformità mal-proċedura ta' eżami msemmija fl-Artikolu 58(2) ta' dan ir-Regolament.	L-atti ta' implimentazzjoni msemmija fl-ewwel subparagrafu għandhom jiġu adottati f'konformità mal-proċedura ta' eżami msemmija fl-Artikolu 58(2) ta' dan ir-Regolament. ***Il-Parlament Ewropew għandu jiġi infurmat bis-sħiħ dwar it-***

	tħejjija ta' dawk l-atti ta' implimentazzjoni.

Or. en

Emenda 63
Carla Tavares, Niels Fuglsang, Francisco Assis, Aurore Lalucq, Jonás Fernández, Bruno Gonçalves, César Luena

Proposta għal regolament
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 5
Regolament (UE) Nru 904/2010
Artikolu 49a – paragrafu 5

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
5. Il-kostijiet tal-istabbiliment, tal-operat u tal-manutenzjoni tal-infrastruttura u tal-mezzi tekniċi li jippermettu l-aċċess sigur għall-informazzjoni msemmija fil-paragrafu 1 ta' dan l-Artikolu għandhom jitħallsu mill-UPPE.	***imħassar***

Or. en

Emenda 64
Rasmus Andresen

Proposta għal regolament
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 5
Regolament (UE) Nru 904/2010
Artikolu 49a – paragrafu 5

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
5. Il-kostijiet tal-istabbiliment, tal-operat u tal-manutenzjoni tal-infrastruttura u tal-mezzi tekniċi li jippermettu l-aċċess sigur għall-informazzjoni msemmija fil-paragrafu 1 ta' dan l-Artikolu għandhom jitħallsu mill-UPPE.	***imħassar***

Or. en

Emenda 65
Ľudovít Ódor, Gilles Boyer

Proposta għal regolament
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 5
Regolament (UE) Nru 904/2010
Artikolu 49a – paragrafu 5

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
5. Il-kostijiet tal-istabbiliment, tal-operat u tal-manutenzjoni tal-infrastruttura u tal-mezzi tekniċi li jippermettu l-aċċess sigur għall-informazzjoni msemmija fil-paragrafu 1 ta' dan l-Artikolu għandhom jitħallsu mill-UPPE.	***imħassar***

Or. en

Emenda 66
Carla Tavares, Niels Fuglsang, Francisco Assis, Aurore Lalucq, Jonás Fernández, Bruno Gonçalves, César Luena

Proposta għal regolament
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 5
Regolament (UE) Nru 904/2010
Artikolu 49a – paragrafu 5a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	5a. L-utenti kollha għandhom ikunu marbutin bir-regoli ta' kunfidenzjalità stabbiliti f'dan ir-Regolament. Il-proċeduri għall-iskambju ta' informazzjoni u l-aċċess għad-data għandhom jiġu segwiti f'konformità mar-Regolamenti (UE) 2016/679 u (UE) 2018/1725 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill u fir-rigward tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea.

Or. en

Emenda 67
Rasmus Andresen

Proposta għal regolament
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 5
Regolament (UE) Nru 904/2010
Artikolu 49b – paragrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
1. L-awtoritajiet kompetenti tal-Istati Membri għandhom jagħtu lill-OLAF aċċess ċentralizzat għal tfittxijiet immirati għall-informazzjoni li ġejja:	1. L-awtoritajiet kompetenti tal-Istati Membri għandhom jagħtu lill-OLAF aċċess ċentralizzat għal tfittxijiet immirati għall-informazzjoni li ġejja ***fil-limitu ta' dak li huwa strettament meħtieġ u proporzjonat għall-eżerċizzju tal-mandat tiegħu***:

Or. en

Emenda 68
Rasmus Andresen

Proposta għal regolament
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 5
Regolament (UE) Nru 904/2010
Artikolu 49b – paragrafu 1a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	1a. Tali aċċess ma għandux jippermetti l-estrazzjoni ta' data bil-massa, il-monitoraġġ ġeneralizzat jew it-tfassil ta' profili awtomatizzat mhux marbuta ma' investigazzjoni amministrattiva speċifika.

Or. en

Emenda 69
Carla Tavares, Niels Fuglsang, Francisco Assis, Aurore Lalucq, Jonás Fernández, Bruno Gonçalves, César Luena

Proposta għal regolament
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 5
Regolament (UE) Nru 904/2010

Artikolu 49b – paragrafu 1a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	1a. L-aċċess ċentralizzat imsemmi fil-paragrafu 1 għandu jitfassal u jitħaddem biex jipprovdi lill-OLAF bl-aċċess iffukat u speċifiku għall-investigazzjoni li jkollu bżonn biex jiftaħ u jwettaq investigazzjonijiet li jappoġġaw id-detezzjoni u l-prevenzjoni tal-frodi transfruntiera tal-VAT f'konformità mal-Artikolu 1(1) tar-Regolament (UE, Euratom) Nru 883/2013.

Or. en

Emenda 70
Carla Tavares, Niels Fuglsang, Francisco Assis, Aurore Lalucq, Jonás Fernández, Bruno Gonçalves, César Luena

Proposta għal regolament
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 5
Regolament (UE) Nru 904/2010
Artikolu 49b – paragrafu 1b (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	1b. L-aċċess ċentralizzat imsemmi fil-paragrafu 1 għandu jkun soġġett għal miżuri tekniċi u organizzattivi xierqa li jiżguraw li kull aċċess ikun attribwibbli għal investigazzjoni speċifika u għal utent awtorizzat identifikat. Tali aċċess għandu jiġi rreġistrat b'mod li jippermetti verifika ex post effettiva.

Or. en

Emenda 71
Rasmus Andresen

Proposta għal regolament
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 5
Regolament (UE) Nru 904/2010
Artikolu 49b – paragrafu 2 – punt a

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(a) lill-persunal awtorizzat mill-OLAF li jkollu identifikazzjoni personali tal-utent għas-sistemi elettroniċi li jippermettu l-aċċess ċentralizzat għall-informazzjoni msemmija fil-paragrafu 1 ta' dan l-Artikolu;	(a) lill-persunal awtorizzat mill-OLAF li jkollu identifikazzjoni personali tal-utent għas-sistemi elettroniċi li jippermettu l-aċċess ċentralizzat għall-informazzjoni msemmija fil-paragrafu 1 ta' dan l-Artikolu***, soġġett għal limitazzjoni tal-aċċess ibbażata fuq ir-rwol, awtorizzazzjoni tas-sigurtà minn qabel u taħriġ obbligatorju dwar il-protezzjoni tad-data***;

Or. en

Emenda 72
Rasmus Andresen

Proposta għal regolament
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 5
Regolament (UE) Nru 904/2010
Artikolu 49b – paragrafu 3

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
3. Dak l-aċċess ċentralizzat għandu jkun aċċess permezz ta' punt ta' dħul uniku, għall-informazzjoni kollha li tikkonċerna investigazzjoni, anke jekk dik l-informazzjoni ***tkun*** tikkonċerna diversi Stati Membri.	3. Dak l-aċċess ċentralizzat għandu jkun aċċess permezz ta' punt ta' dħul uniku, għall-informazzjoni kollha li tikkonċerna investigazzjoni, anke jekk dik l-informazzjoni tikkonċerna diversi Stati Membri ***filwaqt li jiġu żgurati traċċabbiltà sħiħa, reġistrazzjoni tat-tfittxijiet kollha u mekkaniżmi ta' verifika ex post***.

Or. en

Emenda 73
Rasmus Andresen

Proposta għal regolament
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 5
Regolament (UE) Nru 904/2010
Artikolu 49b – paragrafu 3a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	3a. L-OLAF għandu jistabbilixxi salvagwardji organizzattivi interni biex jipprevjeni tfittxijiet mhux ġustifikati jew sproporzjonati, inklużi proċeduri ta' awtorizzazzjoni interni u mekkaniżmi ta' kontroll xierqa. Tali salvagwardji jistgħu jinkludu proċessi ta' awtorizzazzjoni interni komparabbli ma' dawk stabbiliti għal aċċess għal ċerti sistemi ta' informazzjoni tal-Unjoni, inkluż il-VIS u l-Eurodac.

Or. en

Emenda 74
Ľudovít Ódor, Gilles Boyer

Proposta għal regolament
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 5
Regolament (UE) Nru 904/2010
Artikolu 49b – paragrafu 4 – punt a

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(a) id-dettalji tekniċi dwar l-aċċess ċentralizzat għall-informazzjoni msemmija fil-paragrafu 1 ta' dan l-Artikolu inkluża l-lista tal-kategoriji tad-data, li magħhom jistgħu jitwettqu t-tfittxijiet immirati;	(a) id-dettalji tekniċi dwar l-aċċess ċentralizzat għall-informazzjoni msemmija fil-paragrafu 1 ta' dan l-Artikolu inkluża l-lista tal-kategoriji tad-data, li magħhom jistgħu jitwettqu t-tfittxijiet immirati***, inkluż mekkaniżmu preventiv kontra tfittxijiet mhux immirati***;

Or. en

Emenda 75
Tomáš Kubín, Jaroslava Pokorná Jermanová

Proposta għal regolament
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 5
Regolament (UE) Nru 904/2010
Artikolu 49b – paragrafu 4 – punt b

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*

(b) ***l-arranġamenti prattiċi, inkluż il-mekkaniżmu ta' kontroll tal-aċċess u l-profil*** tal-utenti***, biex jiġu identifikati l-utenti*** msemmija fil-paragrafu 2, ***il-punt*** (a) u (c), ta' dan l-Artikolu;	(b) ***il-miżuri tekniċi għall-protezzjoni tad-data li jnaqqsu r-riskju ta' aċċess mhux awtorizzat, tfittxijiet mhux immirati jew abbuż, inkluża l-identifikazzjoni*** tal-utenti msemmija fil-paragrafu 2, ***il-punti*** (a) u (c), ta' dan l-Artikolu***, il-profili tal-utenti, il-kontrolli tal-aċċess u l-mekkaniżmi li jiżguraw l-attribuzzjoni ta' kull aċċess għal fajl tal-każ ta' investigazzjoni u għal utent konkreti***;

Or. en

Emenda 76
Ľudovít Ódor, Gilles Boyer

Proposta għal regolament
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 5
Regolament (UE) Nru 904/2010
Artikolu 49b – paragrafu 4 – punt b

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(b) l-arranġamenti prattiċi, inkluż il-mekkaniżmu ta' kontroll tal-aċċess u l-profil tal-utenti, biex jiġu identifikati l-utenti msemmija fil-paragrafu 2, ***il-punt*** (a) u (c), ta' dan l-Artikolu;	(b) l-arranġamenti prattiċi, inkluż il-mekkaniżmu ta' kontroll tal-aċċess u l-profil tal-utenti, biex jiġu identifikati l-utenti msemmija fil-paragrafu 2, ***il-punti*** (a) u (c), ta' dan l-Artikolu***, filwaqt li jiġi żgurat li kull aċċess ikun attribwibbli għal investigazzjoni jew prosekuzzjoni speċifika u utent awtorizzat, appoġġati minn reġistrazzjonijiet komprensivi għal verifika ex post effettiva***;

Or. en

Emenda 77
Tomáš Kubín, Jaroslava Pokorná Jermanová

Proposta għal regolament
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 5
Regolament (UE) Nru 904/2010
Artikolu 49b – paragrafu 4 – punt c

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*

(c) l-arranġamenti prattiċi ***għas-sorveljanza tal-Uffiċjali ta' kollegament tal-Eurofisc***.	(c) ***ir-rekwiżiti tar-reġistrazzjoni tal-awditjar, inkluża l-attribuzzjoni ta' kull aċċess għal fajl tal-każ ta' investigazzjoni u għal utent konkreti, u*** l-arranġamenti prattiċi ***għal dan l-aċċess***.

Or. en

Emenda 78
Rasmus Andresen

Proposta għal regolament
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 5
Regolament (UE) Nru 904/2010
Artikolu 49b – paragrafu 4 – subparagrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
L-atti ta' implimentazzjoni msemmija fl-ewwel subparagrafu għandhom jiġu adottati f'konformità mal-proċedura ta' eżami msemmija fl-Artikolu 58(2) ta' dan ir-Regolament.	L-atti ta' implimentazzjoni msemmija fl-ewwel subparagrafu għandhom jiġu adottati f'konformità mal-proċedura ta' eżami msemmija fl-Artikolu 58(2) ta' dan ir-Regolament. ***Il-Parlament Ewropew għandu jiġi infurmat bis-sħiħ dwar it-tħejjija ta' dawk l-atti ta' implimentazzjoni.***

Or. en

Emenda 79
Carla Tavares, Niels Fuglsang, Francisco Assis, Aurore Lalucq, Jonás Fernández, Bruno Gonçalves, César Luena

Proposta għal regolament
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 5
Regolament (UE) Nru 904/2010
Artikolu 49b – paragrafu 5

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
5. Il-kostijiet tal-istabbiliment, tal-operat u tal-manutenzjoni tal-infrastruttura u tal-mezzi tekniċi li jippermettu l-aċċess sigur għall-informazzjoni msemmija fil-paragrafu 1 ta' dan l-Artikolu għandhom jitħallsu	***imħassar***

***mill-OLAF.*.**

Or. en

Emenda 80
Rasmus Andresen

Proposta għal regolament
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 5
Regolament (UE) Nru 904/2010
Artikolu 49b – paragrafu 5

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
***5. Il-kostijiet tal-istabbiliment, tal-operat u tal-manutenzjoni tal-infrastruttura u tal-mezzi tekniċi li jippermettu l-aċċess sigur għall-informazzjoni msemmija fil-paragrafu 1 ta' dan l-Artikolu għandhom jitħallsu mill-OLAF.*.**	***imħassar***

Or. en

Emenda 81
Roberts Zīle

Proposta għal regolament
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 5
Regolament (UE) Nru 904/2010
Artikolu 49b – paragrafu 5

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
***5. Il-kostijiet tal-istabbiliment, tal-operat u tal-manutenzjoni tal-infrastruttura u tal-mezzi tekniċi li jippermettu l-aċċess sigur għall-informazzjoni msemmija fil-paragrafu 1 ta' dan l-Artikolu għandhom jitħallsu mill-OLAF.*.**	***imħassar***

Or. en

Emenda 82
Ľudovít Ódor, Gilles Boyer

Proposta għal regolament
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 5
Regolament (UE) Nru 904/2010
Artikolu 49b – paragrafu 5

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
5. Il-kostijiet tal-istabbiliment, tal-operat u tal-manutenzjoni tal-infrastruttura u tal-mezzi tekniċi li jippermettu l-aċċess sigur għall-informazzjoni msemmija fil-paragrafu 1 ta' dan l-Artikolu għandhom jitħallsu mill-OLAF..	***imħassar***

Or. en

Emenda 83
Roberts Zīle

Proposta għal regolament
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 5
Regolament (UE) Nru 904/2010
Artikolu 49b – paragrafu 5a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	5a. Kwalunkwe kost finanzjarju jew spiża teknika li jirriżultaw mill-adattament tas-sistemi tal-IT nazzjonali jew mill-forniment ta' infrastruttura sigura meħtieġa biex l-UPPE u l-OLAF jingħataw aċċess skont dan ir-Regolament għandhom jitħallsu kompletament mill-baġit ġenerali tal-Unjoni Ewropea. L-Istati Membri ma għandhom iġorru l-ebda piż amministrattiv jew finanzjarju addizzjonali.

Or. en

Emenda 84
Pasquale Tridico

Proposta għal regolament
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 5
Regolament (UE) Nru 904/2010
Artikolu 49b – paragrafu 5a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	5a. Is-sistemi li jippermettu l-aċċess ċentralizzat imsemmi fil-paragrafu 1 għandhom jitfasslu biex jiżguraw interoperabbiltà sħiħa mas-sistemi użati mill-korpi rilevanti tal-Unjoni, sabiex jiġi ffaċilitat l-iskambju ta' informazzjoni effiċjenti u sigur u jitnaqqsu l-piżijiet amministrattivi.

Or. en

Emenda 85
Pasquale Tridico

Proposta għal regolament
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 5
Regolament (UE) Nru 904/2010
Artikolu 49b – paragrafu 5b (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	5b. Il-Kummissjoni għandha tivvaluta, f'kooperazzjoni mill-qrib mal-UPPE u l-OLAF, il-ħtieġa ta' finanzjament addizzjonali tal-Unjoni biex tappoġġa l-iżvilupp ta' sistemi tal-IT interoperabbli, għodod diġitali u persunal speċjalizzat.

Or. en